KAROL AQUILINA
Membru Parlamentari

3 ta' Settembru 2024

Il-Prim Imħallef Emeritu Dott. Joseph Azzopardi
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika
11, Triq San Pawl,
Il-Belt Valletta VLT 1210

Għażiż Sur Kummissarju,

**Rig: Każ Nru K/058**

Niktiblek b'referenza għar-rapport imħejji minnek dwar il-każ numru K/058 rigward ħruġ ta' stqarrija uffiċjali li tinkludi kontenut ta' natura partiġġjana mill-Ministru Miriam Dalli.

Fl-imsemmi rapport inti stqarrejt hekk:

> *"13. Huwa minnu li kif qal l-Ilmentatur, il-predeċessur tiegħi wissa li kien se jkun aktar iebes f'każi simili. Madankollu l-esponent qies li l-Onor. Dalli dak iż-żmien ma kinitx parti mill-eżekuttiv,*[...]"

Dan ifisser li l-każ ġie magħluq minnek bis-saħħa tal-apoloġija tal-Ministru Dalli skont l-artikolu 22(5) tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika għar-raġuni li meta kien ġie ppubblikat ir-rapport dwar il-Każ Nru K/030 l-Onor. Miriam Dalli ma kinitx parti mill-eżekuttiv, jiġifieri ma kinitx Ministru.

Ġentilment niġbidlek l-attenzjoni għall-fatt li dak mistqarr minnek huwa kompletament żbaljat.

Ir-rapport dwar il-Każ Nru K/030 ġie konkluż u ppubblikat mill-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika nhar il-25 ta' Jannar 2021 u dan kif jirriżulta b'mod ċar mill-ewwel paġna tar-rapport innifsu u li huwa aċċessibbli permezz ta' din il-link: https://standardscommissioner.mt/wp-content/uploads/Commissioner-for-Standards-case-report-K030.pdf.

L-Onor. Miriam Dalli nħatret Ministru għall-Enerġija, l-Intrapriża u l-Iżvilupp Sostenibbli nhar it-23 ta' Novembru 2020 u dan kif jirriżulta b'mod ċar mill-website tal-Parlament ta' Malta li hija aċċessibbli permezz ta' dan il-link: https://parlament.mt/14th-leg/political-groups/labour-party/dalli-miriam/

Għalhekk, kuntrarju għal dak li jingħad fir-rapport imħejji minnek, jirriżulta b'mod ċar li fiż-żmien meta ġie konkluż u ppubblikat ir-rapport dwar il-Każ Nru K/030, l-Onor. Miriam Dalli kienet diġà parti mill-eżekuttiv bħala Ministru għall-Enerġija, l-Intrapriża u l-Iżvilupp Sostenibbli. M'hemmx dubju li l-Ministru Miriam Dalli kienet konxja mill-konklużjonijiet tal-imsemmi rapport u tal-obbligi tagħha bħala parti mill-eżekuttiv skont il-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari.

m. 7927 4316 e. karol@karolaquilina.mt w. karolaquilina.mt

KAROL AQUILINA
Membru Parlamentari

Ippermettili nerġa' nfakkrek li fir-rapport dwar il-Każ Nru K/030, maħruġ nhar il-25 ta' Jannar 2021, jingħad b'mod ċar li l-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika ser jikkunsidra każijiet futuri b'mod aktar serju (ara l-paragrafu 31 tal-imsemmi rapport).

Għaldaqstant, fid-dawl ta' dan kollu, qiegħed ġentilment nitolbok tirrevedi r-rapport imħejji minnek dwar il-Każ Nru K/058 fis-sens li filwaqt li tikkonferma s-sejbien ta' ksur tal-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari mill-Ministru Miriam Dalli, tikkoreġih fejn jirriżulta b'mod ċar li huwa fattwalment żbaljat u konsegwentement tgħaddi l-istess rapport kif ikkoreġut lill-Kumitat għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika skont kif maħsub fl-artikolu 22(3) tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika għal kwalunkwe azzjoni li jidhirlu xieraq skont l-artikoli 27 u 28 tal-istess Att.

Inselli għalik,

Karol Aquilina
Shadow Minister għall-Ġustizzja

Kopja: Kumitat Permanenti dwar Standards fil-Ħajja Pubblika